

*Partijiet oħra fil-proċedura:* L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea, Abanca Corporación Bancaria, SA

Permezz ta' digriet tat-13 ta' Ottubru 2020, il-Qorti tal-Ġustizzja (l-Awla tal-Ammissjoni tal-Appelli) iddeċidiet li l-appell ma huwiex ammess u kkundannat lil Abarca – Companhia de Seguros SA għall-ispejjeż rispettivi tagħha.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-tribunal de première instance francophone de Bruxelles (il-Belġju) fit-3 ta' Settembru 2020 – Viasat UK Ltd, Viasat Inc. vs Institut belge des services postaux et des télécommunications (IBPT), l-Istat Belġjan, Inmarsat Ventures SE**

**(Kawża C-417/20)**

(2020/C 414/30)

*Lingwa tal-kawża:* il-Franċiż

**Qorti tar-rinviju**

Tribunal de première instance francophone de Bruxelles

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Viasat UK Ltd, Viasat Inc.

*Konvenuti:* Institut belge des services postaux et des télécommunications (IBPT), l-Istat Belġjan, Inmarsat Ventures SE

B'digriet tat-8 ta' Ottubru 2020, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ordna t-tħassir tal-kawża.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Finanzgericht Hamburg (il-Ġermanja) fit-8 ta' Settembru 2020 – F. Reyher Nchfg. GmbH & Co. KG vs Hauptzollamt Hamburg**

**(Kawża C-419/20)**

(2020/C 414/31)

*Lingwa tal-kawża:* il-Ġermaniż

**Qorti tar-rinviju**

Finanzgericht Hamburg

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* F. Reyher Nchfg. GmbH & Co. KG, irrappreżentata mis-soċju ta' ġestjoni tagħha l-Verwaltungsgesellschaft F. Reyher Nchfg. mbH

*Konvenut:* Hauptzollamt Hamburg

**Domanda preliminari**

Il-ksur tad-dritt tal-Unjoni, bħala kundizzjoni, skont id-dritt tal-Unjoni, tad-dritt għall-ħlas tal-interessi żviluppat mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-ġurisprudenza tagħha, jirriżulta wkoll meta awtorità nazzjonali timponi dazji skont id-dritt tal-Unjoni iżda qorti nazzjonali tikkonstata sussegwentement li l-kundizzjonijiet konkreti għall-impożizzjoni ta' dawn id-dazji ma jkunux issodisfatti?